MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.2.2009
SEG(2009) 164 finali

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**TRASFERIMENT MHUX AWTOMATIKU TA' APPROPRJAZZJONIJIET MHUX DIFFERENZJATI MILL-2008 SAL-2009**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**TRASFERIMENT MHUX AWTOMATIKU TA' APPROPRJAZZJONIJIET DIFFERENZJATI MIS-SENA 2008 SA 2009**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI LI GĦANDHOM JERĠGĦU JKUNU DISPONIBBLI FIS-SENA 2009**

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## TRASFERIMENT MHUX AWTOMATIKU TA' APPROPRJAZZJONIJIET MHUX DIFFERENZJATI MILL-2008 SAL-2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 9 (2) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[1], Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002[2],

Billi:

L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati msemmija aktar 'il quddiem għandhom jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena sussegwenti,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

1. Dawn l-approprjazzjonijiet li ġejjin mit-Taqsima III (Kummissjoni) tal-baġit tas-sena 2008 se jiġu trasferiti għas-sena 2009 għar-raġunijiet stipulati fl-anness.

   **€ 921,055** għall-approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

2. Il-Kunsill u l-Parlament se jiġu infurmati b'din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2009

*Għall-Kummissjoni*
*Dalia Grybauskaité*
*Membru tal-Kummissjoni*

---

1 ĠU L 248, 16.09.2002, p.l

2 Ir-Regolament tal-25.06.2002; dawn id-dispożizzjonijiet jinstabu fuq il-paġni li ġejjin.

## Silta mir-Regolament Finanzjarju

Artikolu 9

**Paragrafu 1**

Approprjazzjonijiet li ma jkunux ġew użati sat-tmiem tas-sena finanzjarja li għaliha jkunu rreġistrati għandhom ikunu kkanċellati. B'dana kollu dawn jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem lejn is-sena finanzjarja segwenti biss, b'deċiżjoni meħuda mill-istituzzjoni kkonċernata sal-15 ta' Frar l-aktar tard, bi qbil mal-paragrafi 2 u 3 jew ikunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament f'konformità mal-paragrafu 4.

**Paragrafu 2**

Approprjazzjonijiet għall-impenji u approprjazzjonijiet mhux differenzjati li ma jkunu għadhom gew impenjati fit-tmiem tas-sena finanzjarja jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem fi rigward ta':

(a) ammonti li jikkorrispondu mal-approprjazzjonijiet impenjati li dwarhom l-istadji preparatorji kważi kollha għall-proċedura tal-impenn ġew imwettqa sal-31 ta' Diċembru. Dawn l-ammonti jistgħu mbagħad ikunu impenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara;

(b) ammonti li huma meħtieġa meta l-awtorità leġiżlattiva tkun adottat att bażiku fil-kwart finali tas-sena finanzjarja u l-Kummissjoni ma tkunx tista' timpenja l-approprjazzjonijiet ipprovduti għal dan l-iskop sal-31 ta' Diċembru.

## IT-TRASFERIMENT 'IL QUDDIEM TA' APPROPRJAZZJONIJIET MHUX DIFFERENZJATI*

| Nru. | Partita tal-Baġit tal-2008 | Intestatura | Partita tal-Baġit tal-2009 | Ref. Regolament Finanzjarju | L-ammont li jrid jiġi trasferit 'il quddiem (f'€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 06 01 04 12 | Il-Programme Galileo - Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 06 01 04 12 | artikolu 9 § 2a | 921 055.00 |
| | | **INTESTATURA 1a - TOTAL** | | | 921 055.00 |
| | | **TOTAL GLOBALI** | | | 921 055.00 |

* Ara l-ANNESS 1: Trasferiment 'il quddiem ta' Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## TRASFERIMENT MHUX AWTOMATIKU TA' APPROPRJAZZJONIJIET DIFFERENZJATI MIS-SENA 2008 SA 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 9 (2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[3], Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002[4],

Billi:

L-approprjazzjonijiet differenzjati msemmija aktar 'l isfel għandhom jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena sussegwenti,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

1. Dawn l-approprjazzjonijiet li ġejjin mit-Taqsima III (Il-Kummissjoni) tal-baġit tas-sena 2008 se jiġu trasferiti għas-sena 2009 għar-raġunijiet imniżżla fl-anness.

   **€ 371 888 235.86** f'approprjazzjonijiet għall-impenji
   **€ 1 158 562 944.46** f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet

2. Il-Kunsill u l-Parlament se jiġu infourmati b'din id-deċiżjoni

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2009

*Għall-Kummissjoni*
*Dalia Grybauskaité*
*Membru tal-Kummissjoni*

---

3 ĠU L 248, 16.09.2002, p. 1.
4 Ir-Regolament tal-25.06.2002: dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fil-paġni li gejjin.

## Silta mir-Regolament Finanzjarju

Artikolu 9

**Paragrafu 1**

Approprjazzjonijiet li ma jkunux ġew użati sat-tmiem tas-sena finanzjarja li għaliha jkunu rreġistrati għandhom ikunu kkanċellati. B'dana kollu dawn jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem lejn is-sena finanzjarja segwenti biss, b'deċiżjoni meħuda mill-istituzzjoni kkonċernata sal-15 ta' Frar l-aktar tard, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 jew ikunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament f'konformità mal-paragrafu 4.

**Paragrafu 2**

Approprjazzjonijiet għall-impenji u approprjazzjonijiet mhux differenzjati li ma jkunux gew impenjati fit-tmiem tas-sena finanzjarja jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem fir-rigward ta':

(a) ammonti li jikkorrispondu mal-approprjazzjonijiet impenjati li għalihom l-istadji preparatorji kważi kollha għall-proċedura tal-impenn ġew imwettqa sal-31 ta' Diċembru. Dawn l-ammonti jistgħu mbagħad ikunu impenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara;

(b) ammonti li huma meħtieġa meta l-awtorità leġiżlattiva tkun adottat att bażiku fil-kwart finali tas-sena finanzjarja u l-Kummissjoni ma tkunx tista' timpenja l-approprjazzjonijiet ipprovduti għal dan l-iskop sal-31 ta' Diċembru.

**Paragrafu 3**

Approprjazzjonijiet ghall-pagament jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem fir-rigward ta' ammonti meħtieġa biex ikopru impenji eżistenti jew impenji marbuta ma' approprjazzjonijiet impenjati li jiġu trasferiti 'l quddiem, meta l-approprjazzjonijiet ipprovduti fil-linji relevanti fil-baġit għas-sena finanzjarja segwenti, ma jkunux ikopru l-ħtiġijiet L-istituzzjoni kkonċernata għandha l-ewwel tagħmel użu mill-approprjazzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja kurrenti u m'għandhiex tagħmel użu mill-approprjazzjonijiet li jiġu trasferiti 'l quddiem sakemm dawk l-oħrajn ikunu ġew eżawriti.

**Paragrafu 4**

Approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jkunu jikkorispondu ghall-obbligazzjonijiet kontratti kif suppost fl-għeluq tas-sena finanzjarja, għandhom jiġu trasferiti 'l quddiem awtomatikament għas-sena finanzjarja segwenti.

## IT-TRASFERIMENT 'IL QUDDIEM TA' APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI*

| Nru. | Partita tal-Baġit tal-2008 | Intestatura | Partita tal-Baġit tal-2009 | Ref. Regolament Finanzjarju | L-ammont li jrid jiġi trasferit 'il-quddiem (f' €) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 04 04 01 | Kondizzjonijiet tax-xogħol | 04 04 01 | artikolu 9 § 2a | 1 140 712.50 |
| 2 | 04 04 01 | Appoġġ għall-implimentazzjoni | 04 04 01 | Artikolu 9 § 2b | 781 000.00 |
| 3 | 09 04 01 01 | Appoġġ għall-Kooperazzjoni fir-Riċerka fil-qasam tat-teknoloġiji tal-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT - Kooperazzjoni) | 09 04 01 01 | artikolu 9 § 2a | 377 485.00 |
| | | **INTESTATURA 1a - TOTAL** | | | **2 299 197.50** |
| 4 | 13 03 19 | Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) – Koperazzjoni Territorjali Ewropea | 13 03 19 | artikolu 9 § 2a | 15 945 355.00 |
| | | **INTESTATURA 1b - TOTAL** | | | **15 945 355.00** |
| 5 | 11 04 01 | Djalogu aktar mill-qrib mal-industrija tas-sajd u ma' dawk affettwati mill-politika komuni tas-sajd | 11 04 01 | artikolu 9 § 2a | 250 000.00 |
| | | **INTESTATURA 2 - TOTAL** | | | **250 000.00** |
| 6 | 18 02 04 | Sistema ta' Informazzjoni ta' | 18 02 04 | artikolu 9 § 2a | 1 204 233.00 |
| 7 | 18 02 05 | Sistema ta' informazzjoni dwar il- | 18 02 05 | artikolu 9 § 2a | 1 204 233.00 |
| 8 | 18 02 06 | Fond għall-Fruntieri Esterni | 18 02 06 | artikolu 9 § 2a | 36 543 374.96 |
| 9 | 18 03 03 | Fond Ewropew għar-Refuġjati | 18 03 03 | artikolu 9 § 2a | 594 119.21 |
| 10 | 18 03 09 | Fond Ewropew għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi | 18 03 09 | artikolu 9 § 2a | 525 019.67 |
| 11 | 18 03 10 | Fond Ewropew għar-ritorn | 18 03 10 | artikolu 9 § 2a | 35 042 708.52 |
| | | **INTESTATURA 3a - TOTAL** | | | **75 113 688.36** |
| 12 | 13 06 01 | Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea - Stati Membri | 13 06 01 | artikolu 9 § 2a | 7 605 445.00 |
| | | **INTESTATURA 3b - TOTAL** | | | **7 605 445.00** |
| 13 | 21 04 06 | Ġestjoni tal-ilma f'pajjiżi li qed jiżviluppaw | 21 04 06 | artikolu 9 § 2a | 3 000 000.00 |
| 14 | 22 02 07 | Programmi reġjonali u orizzontali | 22 02 07 | artikolu 9 § 2a | 2 674 550.00 |
| 15 | 22 02 08 | Proġett pilota għall-preservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali f'zoni ta' | 22 02 08 | artikolu 9 § 2a | 3 000 000.00 |
| 16 | 21 02 03 | Sigurtà fl-Ikel | 21 02 03 | Artikolu 9 § 2b | 262 000 000.00 |
| | | **INTESTATURA 4 - TOTAL** | | | **270 674 550.00** |
| | | **TOTAL GLOBALI** | | | **371 888 235.86** |

* Ara l-ANNESS 2: Trasferiment 'il quddiem ta' Approprjazzjonijiet għall-Impenji

## IT-TRASFERIMENT 'IL QUDDIEM TAL-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-ĦLASIJIET*

| Nru. | Partita tal-Baġit tal-2008 | Intestatura | Partita tal-Baġit tal-2009 | L-ammont li jrid jiġi trasferit 'il quddiem (f' €) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 01 04 05 | Tlestija tal-programm għall-impriżi: titjib tal-ambjent finanzjarju għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) | 01 04 05 | 10 040 000.00 |
| 2 | 10 04 01 01 | Tlestija ta' programm konġunt preċedenti - KE | 10 04 01 01 | 1 000 000.00 |
| 3 | 10 04 01 02 | Tlestija ta' programm konġunt preċedenti - Euratom | 10 04 01 02 | 84 707.16 |
| 4 | 14 05 02 | Kompjuterizzazzjoni tas-sistema tas-sisa (EMCS) | 14 05 02 | 1 746 700.67 |
| 5 | 26 03 01 01 | Servizzi e-Government Pan-Ewropej għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-intrapriżi u ċ-ċittadini (IDABC) | 26 03 01 01 | 4 000 000.00 |
| | | **INTESTATURA 1a - TOTAL** | | **16 871 407.83** |
| 6 | 13 05 03 01 | Kooperazzjoni traskonfini (KT) – Kontribut minn Titolu 1-b | 13 05 03 01 | 15 000 000.00 |
| | | **INTESTATURA 1b - TOTAL** | | **15 000 000.00** |
| 7 | 05 04 05 01 | Programmi ta' żvilupp rurali | 05 04 05 01 | 774 864 326.02 |
| 8 | 05 08 02 | Sondaġġi dwar l-istruttura ta' holdings agrikoli | 05 08 02 | 5 429 740.00 |
| 9 | 05 08 03 | Ristrutturar ta' sistemi għal sondaġġi agrikoli | 05 08 03 | 880 791.00 |
| 10 | 07 03 09 02 | Sussidju għall-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent - Sussidju taħt it-Titolu 3 | 07 03 09 02 | 480 000.00 |
| 11 | 07 03 11 | Proġett pilota - protezzjoni u konservazzjoni tal-foresti | 07 03 11 | 1 200 000.00 |
| 12 | 07 03 13 | Azzjoni preparatorja - Sistema integrata ta' komunikazzjoni u mmaniġġjar tar-riskju tal-kosta | 07 03 13 | 500 000.00 |
| 13 | 11 04 01 | Djalogu aktar mill-qrib mal-industrija tas-sajd u ma' dawk affettwati mill-politika komuni tas-sajd | 11 04 01 | 200 000.00 |
| 14 | 11 09 01 | Azzjoni preparatorija - Politika Marittima | 11 09 01 | 376 574.50 |
| | | **INTESTATURA 2 - TOTAL** | | **783 931 431.52** |
| 15 | 18 05 05 01 | Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija - Sussidju taħt Titoli 1 u 2 | 18 05 05 01 | 2 507 162.95 |
| 16 | 18 05 05 | Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija - Sussidju taħt Titolu 3 | 18 05 05 02 | 3 092 837.05 |

| Nru. | Partita tal-Baġit tal-2008 | Intestatura | Partita tal-Baġit tal-2009 | L-ammont li jrid jiġi trasferit 'il quddiem (f' €) |
|---|---|---|---|---|
| | 02 | | | |
| 17 | 18 08 01 | Prince - Żona ta' liberta, sigurta u ġustizzja | 18 08 01 | 290 000.00 |
| | | **INTESTATURA 3a - TOTAL** | | **5 890 000.00** |
| 18 | 13 06 01 | Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea - Stati Membri | 13 06 01 | 7 605 445.00 |
| | | **INTESTATURA 3b - TOTAL** | | **7 605 445.00** |
| 19 | 05 05 01 01 | L-istrument ta' qabel l-adeżjoni Sapard - It-tlestija tal-programm (2000 - 2006) | 05 05 01 01 | 165 281 000.00 |
| 20 | 07 02 03 | Proġett pilota - Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u Programm ta' Qafas Komuni Ewropew għall-Iżvilupp tar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed | 07 02 03 | 500 000.00 |
| 21 | 13 05 02 | Strument għall-Assistenza ta' Qabel is-Sħubija (IPA) - Komponent ta' Żvilupp Reġjonali | 13 05 02 | 157 295 000.00 |
| 22 | 19 11 02 | Programmi informattivi għall-pajjiżi li m'humiex membri | 19 11 02 | 2 422 662.30 |
| | | **INTESTATURA 4 - TOTAL** | | **325 498 662.30** |
| 23 | 03 03 02 | Talbiet għad-danni li jirriżultaw minn proċeduri legali kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni | 03 03 02 | 3 765 997.81 |
| | | **INTESTATURA 5 - TOTAL** | | **3 765 997.81** |
| | | **TOTAL GLOBALI** | | **1 158 562 944.46** |

* Ara l-ANNESS 3: Trasferiment 'il quddiem ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI LI GĦANDHOM JERĠGĦU JKUNU DISPONIBBLI FIS-SENA 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[5], ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002[6],

Billi:

L-approprjazzjonijiet differenzjati msemmija aktar 'l isfel għandhom jerġgħu jkunu disponibbli fl-2009,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

1. **€ 21,833.15** mit-Taqsima III (il-Kummissjoni) tal-baġit tas-sena 2008 se jerġgħu jkunu disponibbli għas-sena 2009 għar-ragunijiet imniżżla fl-anness.

2. Il-Kunsill u l-Parlament se jiġu infurmati b'din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2009

*Għall-Kummissjoni*
*Dalia Grybauskaité*
*Membru tal-Kummissjoni*

---

5 ĠU L 248, 16.09.2002, p. 1.

6 Ir-Regolament ta' 25.06.2008 dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fil-paġni li gejjin.

## **Silta mir-Regolament Finanzjarju**

Artikolu 157

Il-Kummissjoni għandha awtomatikament tiddiżimpenja approprjazzjonijiet li ġew impenjati kif stipulat fir-regolamenti li jsir referenza għalihom fl-Artikolu 155.

L-approprjazzjonijiet diżimpenjati jistgħu jerġgħu jkunu disponibbli fil-każ ta' żball ċar li hu attribwibbli għall-Kummissjoni biss.

Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni se teżamina diżimpenji li saru fis-sena finanzjarja ta' qabel u tiddeċiedi, sal-15 ta' Frar tas-sena kurrenti, fuq bażi ta' ħtiġijiet, jekk jinħtieġ li l-approprjazzjonijiet korrispondenti għandhom jerġgħu jkunu disponibbli.

## L-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI LI GĦANDHOM JERĠGĦU JKUNU DISPONIBBLI*

| Nru. | Partita tal-Baġit tal-2008 | Intestatura | Partita tal-Baġit tal-2009 | Ammont li jerga' jkun disponibbli (f'€) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 04 02 03 | Kompletar tal-Fond Soċjali Ewropew (ESF) - Objettiv 1 (qabel l-2000) | 04 02 03 | 21 833.15 |
| | | **INTESTATURA 1b - TOTAL** | | **21 833.15** |
| | | **TOTAL GLOBALI** | | **21 833.15** |

* Ara l-ANNESS 4: Approprjazzjonijiet għall-Impenji li għandhom jerġgħu jkunu disponibbli fl-2009